SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

6 ta' Diċembru 2012*

"Agrikoltura — Regolament (KEE) Nru 3665/87 — Artikolu 11 — Ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni — Talba għal ħlas lura fir-rigward ta' esportazzjoni li ma tintitolax għal ħlas lura — Sanzjoni amministrattiva"

Fil-Kawża C-562/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Settembru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Novembru 2011, fil-proċedura

Société d'Exportation de Produits Agricoles SA (SEPA)

vs

Hauptzollamt Hamburg-Jonas,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Ilešič (Relatur), li qed jaġixxi bħala l-President tal-Ħames Awla, E. Levits u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Ottubru 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Société d'Exportation de Produits Agricoles SA (SEPA), minn D. Ehle, avukat,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. von Rintelen u B. Burggraaf, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli (ĠU L 351, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2945/94, tat-2 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 310, p. 57), u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 495/97, tat-18 ta' Marzu 1997 (ĠU L 77, p. 12).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Société d'Exportation de Produits Agricoles SA (SEPA) (iktar 'il quddiem "SEPA") u l-Hauptzollamt Hamburg-Jonas, dwar sanzjoni amministrattiva imposta fuq SEPA talli talbet bi żball ħlas lura fuq l-esportazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

3 Ir-Regolament Nru 3665/87 ġie mħassar u ssostitwit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999, tal-15 ta' April 1999, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet [ħlasijiet lura] fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 129), li, sussegwentement, ġie mħassar u ssostitwit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009, tas-7 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet [ħlasijiet lura] fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 186, p. 1). Il-kawża prinċipali tibqa' rregolata, madankollu, mir-Regolament Nru 3665/87, kif emendat.

4 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1), kif emendat bir-Regolament Nru 3665/87, kien jipprovdi li:

"Meta jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tal-għoti ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni, esportatur jitlob ħlas lura li tkun għola mill-ħlas lura applikabbli, il-ħlas lura dovut għall-esportazzjoni inkwistjoni għandu jkun il-ħlas lura applikabbli għall-prodott effettivament esportat, imnaqqas b'ammont li jikkorrispondi:

a) għal nofs id-differenza bejn il-ħlas lura mitlub u l-ħlas lura applikabbli fuq l-esportazzjoni effettivament imwettqa;

b) għad-doppju tad-differenza bejn il-ħlas lura mitlub u l-ħlas lura applikabbli fil-każ fejn l-esportatur ikun, intenzjonalment, ipprovda data falza." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) kien jippreċiża li "[i]l-ħlas lura mitlub għandu jitqies li huwa l-ammont ikkalkulat skont l-informazzjoni pprovduta [mill-persuna li tagħmel it-talba] […]". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 It-tielet subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 11(1) kien jipprovdi li:

"Is-sanzjoni inkwistjoni fil-punt (a) ma għandhiex tkun applikabbli:

[a)] fil-każ ta' force majeure;

[b)] f'ċerti każijiet eċċezzjonali, ikkaratterizzati minn ċirkustanzi li huma barra mill-kontroll tal-esportatur, u li jseħħu wara l-aċċettazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' ħlas, u bil-kundizzjoni li, malli jikkonstata dawn iċ-ċirkustanzi […], l-esportatur jinforma l-awtoritajiet kompetenti, sakemm dawn ma jkunux diġà kkonstataw l-irregolaritajiet tal-ħlas lura mitlub;

[c)] fil-każ ta' żball manifest, rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, fuq il-ħlas lura mitlub;

[…].”[traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 Ir-raba’ subparagrafu tal-istess Artikolu 11(1) kien jistabbilixxi li:

“Meta t-tnaqqis imsemmi fil-punti (a) jew (b) jirriżulta f’ammont negattiv, dan l-ammont negattiv jiġi mħallas mill-esportatur.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8 Ir-Regolament Nru 495/97, li daħal fis-seħħ fis-26 ta’ Marzu 1997, emenda l-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 kif ġej:

“[…]

(b) f’każijiet eċċezzjonali fejn l-esportatur jikkonstata li l-ammont tal-ħlas lura mitlub huwa għoli wisq u fuq l-inizjattiva tiegħu stess jinforma, mal-ewwel u bil-miktub, lill-awtoritajiet kompetenti għajr meta dawn ikunu nnotifikaw lill-esportatur l-intenzjoni tagħhom li jeżaminaw l-applikazzjoni tiegħu jew meta l-esportatur kellu konoxxenza ta’ din l-intenzjoni permezz ta’ mezz ieħor jew meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu diġà kkonstataw l-irregolarità tal-ħlas lura mitlub”. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9 L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 3665/87 kien jistabbilixxi li:

“L-ebda ħlas lura ma għandu jingħata meta l-prodotti ma jkunux ta’ kwalità tajba, ġenwina u li tista’ tiġi kkummerċjalizzata, u, jekk dawn il-prodotti huma intiżi għall-ikel mill-bnedmin, meta l-użu tagħhom għal dan il-għan ikun eskluż jew kunsiderevolment imnaqqas minħabba l-karatteristiċi jew l-istat tagħhom.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10 Mix-xahar ta’ Frar 1997 sax-xahar ta’ Jannar 1998, SEPA ppreżentat, quddiem il-Zollamt Hallbergmoos (l-uffiċċju tad-dwana ta’ Hallbergmoos), dikjarazzjonijiet ta’ esportazzjoni li jirrigwardaw lottijiet ta’ laħam taċ-ċanga. SEPA annettiet ma’ dawn id-dikjarazzjonijiet ta’ esportazzjoni ċertifikati ta’ kundizzjoni tas-saħħa maħruġa mid-dipartimenti veterinarji, li fihom informazzjoni li skontha dan il-laħam kien joriġina minn biċċeriji Ġermaniżi “iżolati”, jiġifieri biċċeriji fejn jinqatlu annimali morda u dawk li jkollhom jinqatlu b’mod urġenti minħabba raġunijiet partikolari.

11 L-uffiċċju prinċipali tad-dwana kompetenti għar-rilaxx tal-imsemmija merkanzija, jiġifieri l-Hauptzollamt Landshut, bagħat dawn id-dikjarazzjonijiet ta’ esportazzjoni lill-Hauptzollamt Hamburg-Jonas, li kien l-organu kompetenti sabiex jagħti u jagħmel, skont il-politika agrikola komuni tal-Unjoni Ewropea, ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni. Madankollu, il-Hauptzollamt Landshut ma bagħatx, f’kull każ, lill-Hauptzollamt Hamburg-Jonas iċ-ċertifikati ta’ kundizzjoni tas-saħħa li SEPA kienet annettiet mad-dikjarazzjonijiet ta’ esportazzjoni tagħha.

12 Wara li inizjalment ta u għamel il-ħlasijiet lura lil SEPA għal total ta’ DEM 1 633 436, il-Hauptzollamt Hamburg-Jonas talab, permezz ta’ deċiżjonijiet tal-15 u tat-22 ta’ Novembru 1999, l-irkurpu ta’ dawn il-ħlasijiet lura minħabba l-fatt li l-kundizzjoni dwar il-kwalità tajba, ġenwina u li tista’ tiġi kkummerċjalizzata, li tinsab fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 3665/87, ma kinitx ġiet issodisfatta.

13 Fil-fatt, wara istruzzjoni tas-16 ta’ Settembru 1997 mill-awtoritajiet pubbliċi, il-Hauptzollamt Hamburg-Jonas qies li l-laħam li joriġina minn biċċeriji iżolati ma kienx ta’ kwalità tajba, ġenwina u li tista’ tiġi kkummerċjalizzata.

14 SEPA fetħet kawża sabiex tikkontesta l-irkupru ta' dawn il-ħlasijiet lura. Peress li l-biċċeriji iżolati kellhom attestazzjonijiet veterinarji li l-laħam ikkonċernat kien tajjeb għall-konsum mill-bniedem u peress li, għall-finijiet tal-formalitajiet doganali, kienu nħarġu wkoll ċertifikati ta' kundizzjoni tas-saħħa, SEPA sostniet li l-kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata tal-lottijiet ta' laħam esportati ma setgħetx tiġi kkontestata.

15 Fuq talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li n-natura kummerċjabbli tal-prodott "taħt kundizzjonijiet normali" hija element inerenti fil-kunċett ta' "kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata" u li laħam, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tiegħu huma ristretti b'mod kunsiderevoli, minkejja li jissodisfa l-kriterji dwar il-kundizzjoni tas-saħħa u jkun is-suġġett ta' tranżazzjoni kummerċjali, ma jistax jitqies li għandu natura kummerċjabbli "taħt kundizzjonijiet normali" (sentenza tas-26 ta' Mejju 2005, SEPA, C-409/03, Ġabra p. I-4321, punti 26 u 30). Wara b'mod partikolari din is-sentenza, ir-rikors ta' SEPA ġie miċħud u l-irkupru tal-imsemmija ħlasijiet lura sar definittiv.

16 Wara d-deċiżjonijiet tiegħu ta' rkupru tal-15 u tat-22 ta' Novembru 1999, il-Hauptzollamt Hamburg-Jonas impona wkoll fuq SEPA, permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 1999, is-sanzjoni prevista fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, kif emendat. Din is-sanzjoni kienet tammonta għal DEM 816 718.

17 SEPA ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni ta' sanzjoni u l-Hauptzollamt Hamburg-Jonas laqa' dan l-ilment sa fejn l-imsemmija deċiżjoni kienet tirrigwarda lottijiet ta' laħam li għalihom il-Hauptzollamt Landshut kien annetta ċ-ċertifikat ta' kundizzjoni tas-saħħa mad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni kif trażmessa. F'dan ir-rigward, il-Hauptzollamt Hamburg-Jonas ikkunsidra li, fil-każijiet fejn huwa seta' jiddeduċi mid-dokumenti trażmessi lilu li l-laħam kien joriġina minn biċċeriji iżolati, il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) ma kinux issodisfatti.

18 Wara li naqqas, konsegwentement, l-ammont tas-sanzjoni imposta inizjalment b'EUR 62 723 permezz ta' deċiżjonijiet ta' emenda tat-3 ta' Mejju 2002 u tat-8 ta' April 2004, il-Hauptzollamt Hamburg-Jonas ċaħad, permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2006, l-ilment ta' SEPA għall-kumplament.

19 SEPA ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Finanzgericht Hamburg, li ċaħdet l-imsemmi rikors permezz ta' sentenza tat-8 ta' Settembru 2008. Appell fuq punt ta' liġi minn din is-sentenza għadu pendenti quddiem il-Bundesfinanzhof.

20 Billi kkunsidrat li l-eżitu tal-kontroversja jirrikjedi interpretazzjoni tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, kif emendat, il-Bundesfinanzhof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Għandha tiġi imposta sanzjoni fuq esportatur li, minkejja li fil-fatt ma jkunx hemm intitolament għal rifużjoni [ħlas lura] fir-rigward tal-esportazzjoni inkwistjoni, jippreżenta applikazzjoni għal rifużjoni [ħlas lura] ta' din l-esportazzjoni fejn jagħti deskrizzjoni korretta tal-fatti rilevanti għall-għoti ta' din ir-rifużjoni [ħlas lura]?"

Fuq id-domanda preliminari

21 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, kif emendat, għandux jiġi interpretat fis-sens li t-tnaqqis imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-istess artikolu għandu jiġi applikat meta esportatur ikun ressaq, f'*bona fides* u permezz ta' deskrizzjoni preċiża tan-natura u tal-oriġini tal-merkanzija inkwistjoni, talba għal ħlas lura fir-rigward ta' esportazzjoni li ma tintitolax għal ħlas lura.

22 Skont SEPA, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv. Hija tenfasizza li d-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni tagħha jidentifikaw il-lottijiet ta' laħam taċ-ċanga inkwistjoni bħala li joriġinaw minn biċċeriji iżolati u li kellhom magħhom ċertifikati ta' kundizzjoni tas-saħħa. Kien biss sussegwentement, meta saret taf dwar l-istruzzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti, skont liema l-laħam li joriġina minn biċċeriji iżolati ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni dwar il-kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 3665/87, kif ukoll meta din l-evalwazzjoni ġiet ikkonfermata fis-sentenza SEPA, iċċitata iktar 'il fuq, li SEPA setgħet issir taf li l-esportazzjonijiet ikkonċernati ma jintitolawx għal ħlas lura. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex iġġustifikat li tiġi imposta fuqha s-sanzjoni prevista fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tal-imsemmi regolament.

23 Il-Gvern Awstrijak jaqbel ma' din il-pożizzjoni. Kuntrarjament, il-Kummissjoni Ewropea ssostni li r-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun fl-affermattiv.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar, qabelxejn, li t-tnaqqis imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, kif emendat, għandu jiġi applikat mhux biss meta ħlas lura huwa dovut fejn dan l-ammont huwa inferjuri għal dak mitlub mill-esportatur, iżda wkoll fil-każijiet fejn jirriżulta li l-ebda ħlas lura ma huwa dovut, jiġifieri li l-ammont tal-ħlas lura huwa ugwali għal żero (ara, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 51(1) tar-Regolament Nru 800/1999, li l-formulazzjoni tagħha kienet tikkorrispondi għal dik tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, is-sentenzi tas-27 ta' April 2006, Elfering Export, C-27/05, Ġabra p. I-3681, punt 27, u tal-24 ta' April 2008, AOB Reuter, C-143/07, Ġabra p. I-3171, punt 22). L-imsemmi tnaqqis jirriżulta, f'dawn il-każijiet, f'ammont negattiv, li għandu, skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, jitħallas mill-esportatur.

25 Sussegwentement, għandu jitfakkar li dan il-mekkaniżmu ta' tnaqqis jikkonsisti f'li jiġu imposti pagamenti ta' penalità li l-ammonti tagħhom huma ddeterminati abbażi tal-ammont li l-esportatur kien jirċievi indebitament li kieku ngħata l-ħlas lura mitlub. Hija sanzjoni li tifforma parti integrali mis-sistema ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni u li ma għandhiex natura kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, Käserei Champignon Hofmeister, C-210/00, Ġabra p. I-6453, punt 43; AOB Reuter, iċċitata iktar 'il fuq, punt 18, u tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda, C-489/10, punt 30).

26 Ir-responsabbiltà li fuqha hija bbażata din is-sanzjoni għandha natura essenzjalment oġġettiva. Minn dan jirriżulta li t-tnaqqis imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 għandu jiġi applikat anki meta l-esportatur ma jkunx wettaq żball (sentenzi AOB Reuter, iċċitata iktar 'il fuq, punti 17 u 19, kif ukoll tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium *et*, C-367/09, Ġabra p. I-10761, punt 58).

27 Għandu jitfakkar fl-aħħar nett li, fil-każ fejn id-dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni ikunu ġew aċċettati inizjalment mill-awtoritajiet kompetenti u fejn ikun jidher, abbażi ta' konstatazzjonijiet sussegwenti għal din l-aċċettazzjoni, li l-esportazzjoni inkwistjoni ma tintitolax għal ħlas lura, is-sanzjoni prevista fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) għandha, bħala prinċipju, tiġi imposta (sentenza AOB Reuter, iċċitata iktar 'il fuq, punti 27 u 30).

28 Minn din il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-argument ta' SEPA, kondiviż mill-Gvern Awstrijak, ma jistax jintlaqa', liema argument jgħid li s-sanzjoni prevista fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 ma tibqax applikabbli minħabba l-fatt biss li l-esportatur kien f'*bona fides* u li ta deskrizzjoni preċiża tan-natura u tal-oriġini tal-merkanzija kkonċernata fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tiegħu. Fil-fatt, għad-differenza tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-istess artikolu japplika, *inter alia*, fil-każijiet fejn l-esportatur ikun qies u kkonferma, abbażi tan-natura u tal-oriġini tal-merkanzija, li din tal-aħħar kienet ta' kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata, u fejn jidher sussegwentement li din l-informazzjoni kienet żbaljata (ara, b'analoġija, is-sentenza SGS Belgium *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 57 sa 59).

29 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li, anki jekk l-esportatur ma jagħmilx dikjarazzjoni espliċita dwar l-eżistenza ta' kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata tal-merkanzija kkonċernata, it-talba tiegħu għal ħlas lura tfisser dejjem li huwa jkun qed jiżgura b'mod impliċitu li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2005, Fleisch-Winter, C-309/04, Ġabra p. I-10349, punt 32). Meta jirriżulta, sussegwentement, li din id-dikjarazzjoni impliċita fit-talba għal ħlas lura kienet żbaljata, għandha tiġi imposta fuq l-esportatur is-sanzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, sakemm ma japplikax wieħed mill-każijiet ta' eżenzjoni stabbiliti fit-tielet paragrafu tal-istess artikolu (sentenza Elfering Export, iċċitata iktar 'il fuq, punt 30).

30 Minn dan kollu li ntqal jirriżulta li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, fejn, minkejja l-*bona fides* tal-esportatur u d-deskrizzjoni preċiża tan-natura u tal-oriġini tal-merkanzija, l-affermazzjoni inerenti għat-talba għal ħlas lura, skont liema din il-merkanzija hija ta' kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata, tirriżulta li hija żbaljata, it-tnaqqis imsemmi fl-imsemmi punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) għandu jiġi applikat, sakemm ma tapplikax waħda mill-eżenzjoni enumerati fit-tielet subparagrafu tal-istess artikolu.

31 Għal dak li jirrigwarda l-imsemmija eżenzjonijiet, SEPA tinvoka l-eżistenza ta' każ ta' forza maġġuri fis-sens tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, u ta' każ eċċezzjonali fis-sens tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1).

32 Il-kunċett ta' "forża maġġuri" fil-qasam tar-regolamenti agrikoli għandu jinftiehem fis-sens ta' ċirkustanzi estranji għall-operatur ikkonċernat, anormali u imprevedibbli, li l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux jiġu evitati minkejja li tkun ġiet eżerċitata kull diliġenza possibbli (sentenza Käserei Champignon Hofmeister, iċċitata iktar 'il fuq, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Issa, kuntrarjament għal dak li ssostni SEPA, la l-istruzzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti, skont liema l-laħam li joriġina minn biċċeriji iżolati ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni dwar il-kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata, u lanqas il-kontenut, f'dan l-istess sens, tas-sentenza SEPA, iċċitata iktar 'il fuq, ma jistgħu jiġu kkwalifikati bħala anormali u imprevedibbli. Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fil-punti 29 u 30 ta' din is-sentenza, jirriżulta diġà minn leġiżlazzjoni Komunitarja li daħlet fis-seħħ qabel l-esportazzjonijiet imwettqa minn SEPA li l-laħam li joriġina minn biċċeriji iżolati, minkejja li kien jissodisfa il-kriterji ta' kundizzjoni tas-saħħa, seta' jiġi aċċettat għall-konsum mill-bniedem fuq is-suq lokali biss u jekk ikunu ġew osservati diversi kundizzjonijiet addizzjonali.

34 Għal dak li jirrigwarda l-eżenzjoni prevista għal "każijiet eċċezzjonali", jirriżulta kemm mill-formulazzjoni tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mir-Regolament Nru 2945/94, kif ukoll mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li tirriżulta mir-Regolament Nru 495/97, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried li l-esportaturi li jkunu talbu bi żball ħlas lura jkunu jistgħu jevitaw is-sanzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-istess artikolu meta jiskopru, wara li jkunu għamlu t-talba tagħhom, anki wara li din tiġi milqugħa, li din hija infondata u jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti b'dan.

35 F'dan il-każ, SEPA sostniet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, qabel l-adozzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti tal-istruzzjoni skont liema l-laħam li joriġina minn biċċeriji iżolati ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni dwar il-kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata, dawn l-awtoritajiet kienu bbażaw ruħhom fuq il-premessa opposta, skont liema l-laħam li joriġina minn biċċeriji iżolati kien jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha sabiex jiġi esportat bil-benefiċċju ta' ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni. Hija sostniet ukoll li l-imsemmija istruzzjoni ma kinitx ġiet ippubblikata u li, malli saret taf dwarha, hija waqfet milli tressaq talbiet għal ħlasijiet lura fuq l-importazzjoni għal dawn il-prodotti.

36 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverfika jekk dawn l-affermazzjonijiet humiex preċiżi u jekk ir-rilevanza tagħhom hijiex kontradetta minn elementi oħra. Bla ħsara għal din il-verifika, numru ta' ċirkustanzi speċifiċi bħal dawk imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza jistgħu jiġu assimilati mal-eżistenza ta' każ eċċezzjonali, fis-sens tal-punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87.

37 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, kif emendat, għandu jiġi interpretat fis-sens li, bla ħsara għall-eżenzjonijiet previsti fit-tielet subparagrafu tal-istess artikolu, it-tnaqqis imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-istess artikolu għandu jiġi applikat, b'mod partikolari, meta jirriżulta li l-merkanzija li għall-esportazzjoni tagħha ntalab ħlas lura ma kinitx ta' kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata, u dan minkejja l-fatt li l-esportatur kien f'*bona fides* u ddeskriva b'mod korrett in-natura u l-oriġini tal-merkanzija inkwistjoni.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2945/94, tat-2 ta' Diċembru 1994, u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 495/97, tat-18 ta' Marzu 1997, għandu jiġi interpretat fis-sens li, bla ħsara għall-eżenzjonijiet previsti fit-tielet subparagrafu tal-istess artikolu, it-tnaqqis imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-istess artikolu għandu jiġi applikat, b'mod partikolari, meta jirriżulta li l-merkanzija li għall-esportazzjoni tagħha ntalab ħlas lura ma kinitx ta' kwalità tajba, ġenwina u li tista' tiġi kkummerċjalizzata, u dan minkejja l-fatt li l-esportatur kien f'*bona fides* u ddeskriva b'mod korrett in-natura u l-oriġini tal-merkanzija inkwistjoni.

Firem